MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 1794/1999/1

**Adrian Vella de Lucca li jiggestixxi negozju taht l-isem Nova Travel Services**

**vs**

**Blue Med Travel Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' April 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur nomine fid-9 ta' Dicembru 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u disgha u sebghin lira Maltin (Lm579) bilanc ta' somma

akbar rapprezentanti valur ta’ kirjiet ta’ karozzi maghmula lis-socjeta’ konvenuta mill-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta’ April 1999 u bl-imghax kummercjali mill-20 ta’ Ottubru 1998 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi, fl-ewwel lok, l-ebda  ammont ma huwa dovut mis-socjeta’ eccipjenti kif pretiz mill-attur billi l-istess attur naqas milli jipprovdi s-servizz li kien tenut li jipprovdi skond il-ftehim li kellu mas-socjeta’ eccipjenti. Il-kwalita’ tas-servizz provdut kienet wahda fqira b’mod ukoll li s-socjeta’ eccipjenti giet li sofriet id-danni bhala rizultat.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u li kellu jigi koncess li l-attur ghall-grazzja ta’ l-argument biss fil-fat ipprovda s-servizz pattwit, il-bilanc talvolta dovut lilu huwa nferjuri ghall-ammont indikat fl-avviz odjern.

3. Bir-riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta kien hemm relazzjoni kummercjali li tmur lura xi hames snin. F’din ir-relazzjoni l-attur kien jipprovdi karozzi tal-kiri u *courier service* a beneficcju tas-socjeta’ konvenuta. Jidher illi l-hlas ma kienx isir mal-ewwel u b’hekk telghu xi kontijiet illi fl-ahhar ta’ Settembru 1998 lahhaq ic-cifra ta’ Lm353. Din ic-cifra hija wkoll konfermata minn Adrian Richardson, ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta fejn a fol 38 ikkonferma din  l-ahhar cifra u zied ighid pero’ illi huwa ma hallashiex peress illi kellu xi ilmenti mill-klijenti Inglizi dwar is-servizz li kien jipprovdi l-attur. Adrian

Richardson esebixxa diversi ittri u korrispondenza minn fejn irrizulta dawn l-ilmenti u ghalhekk qabad u naqqas l-ammont illi kien dovut lill-attur nomine peress illi huwa stess gie addebitat mit-*Tour Operator* esteru.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi dan l-agir unilaterali da parti tas-socjeta' konvenuta ma jiggustifikax in-nuqqas ta' hlas dovut lill-attur. Minkejja illi s-socjeta' konvenuta rrikonoxxiet ic-cifra ta' Lm353 dina baqghet ma hallsithiex u di propio ghamlet tpacija ma' l-ammonti li kien dehrilha li kienu dovuti lilha. Dana mhuwiex il-mod kif issir tpacija li hija regolata bl-artikolu 1197 tal-Kodici Civili. Biex issehh din it-tpacija d-dejn irid ikun likwidu u esegwibbli u fuq kollox irid ikun accettat mill-parti l-ohra.

Hekk qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet <u>Onorevoli Karm Lino Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet</u> deciza fil-25 ta'

Jannar 1988 fejn affermat li ma tistax issir tpacija meta dejn illi qed jallega li ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u esegwibbli, jew ta' lanqas facilment likwidabbli. It-tpacija lanqas ma topera *ipso jure* jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra. Ara wkoll <u>Anastasi vs Dickson</u> Prim Awla deciza fit-3 ta' Novembru 1982.

Ma hemmx dubbju illi l-attur qatt ma rrikonoxxa illi kellu jhallas xi ammonti lis-socjeta' konvenuta u dejjem innega li kien hemm xi gustifikazzjoni fl-ilmenti li kienu qieghdin jaghmlu t-turisti.

Il-Qorti pero' taghmel referenza ghall-avviz minn fejn qed jintalab l-ammont ta' hames mija u disgha u sebghin lira Maltin (Lm579). Dan l-ammont gie aggustat permezz ta' nota datata 15 ta' Marzu, 2001 a fol 32 fejn l-ammont gie ridott ghal hames mija u tlieta u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm563.52c), dana peress illi originarjament l-interessi nhadmu bir-rata ta' disa fil-mija (9%), rata li mhijiex wahda accettabbli u legali fil-kamp guridiku taghna. Mill-bqija l-Qorti jidhrilha illi l-attur ipprova

l-kaz tieghu fil-grad illi trid il-Ligi. Esebixxa d-dokumenti kollha u *l-workings* ta’ kif wasal ghas-somma mitluba u ta’ dan il-Qorti jidhrilha illi jimmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallsu l-ammont ta’ hames mija u tlieta

u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm563.52c) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti valur ta’ kirjiet ta’ karozzi maghmula lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din id-decizjoni bl-aggravju illi l-ewwel Qorti ma messiex ikkundannata thallas ammont superjuri ghal dak li rrizulta fil-kawza bhala dovut fid-data rilevanti. Hi ghalhekk ghaddiet biex titlob ir-riforma tas-sentenza fis-sens illi l-bilanc realment dovut lill-attur nomine jigi ridott ghal tliet mija u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm353).

Is-socjeta` konvenuta appellanti titlaq mill-punt, tradott fl-ewwel eccezzjoni taghha, illi l-ebda hlas ma kien dovut ghax l-attur naqas li jipprovdi servizz efficjenti. Effettivament, filwaqt li taccetta illi sa Settembru 1998 kienet dovuta minnha s-somma fuq indikata, imbaghad ippretendiet illi lanqas din is-somma ma kellha thallas ghar-raguni appena affermata. Fl-appell taghha ma komplietx issostni din il-linja. In sostanza, l-ilment taghha hu fis-sens tat-tieni eccezzjoni minnha sollevata, jigifieri illi l-bilanc talvolta dovuta minnha huwa nferjuri ghall-ammont reklamat fl-avviz promotur.

In sostenn tal-kontenzjoni taghha s-socjeta` appellanti tistrieh fuq ix-xhieda tal-attur li, skond il-fehma taghha, stqarr li l-ammont dovut kien dak minnha accettat bhala dovut fil-kors tal-kawza.

Fil-verita`, l-attur nomine qal ukoll (fol 9) illi "as at September 1998 il-bilanc dovut lill-azjenda tieghi mis-socjeta' konvenuta kienet ic-cifra ta' tliet mija u tlieta u hamsin lira (Lm353). Dan minghajr interessi". Interessi li gew minnu kalkolati bid-disgha fil-mija (9%), aktar tard b'nota korrettiva (fol 32) aggustata biex jirriflettu l-massimu legali konsentit ta' tmienja fil-mija (8%). Ara statement dettaljat a fol 12 prezentat mill-attur nomine.

Jirrizulta illi bejn il-kontendenti kien hemm negozju kontinwu fuq firxa ta' hames snin fejn l-attur nomine kien jikri karozzi lis-socjeta` appellanti, oltre l-prestazzjoni ta' servizzi ohra, li mat-talba attrici ma ghandhom l-ebda konnessjoni. Fi kliem l-attur, "l-ammont li qieghed nippretendi pero` huwa bilanc ghall-kiri ta' karozzi biss" (fol 9).

Huwa intwittiv kif ukoll logiku illi din l-attivita` u relazzjoni kummercjali tiggenera d-dekorriment ta' interessi.

Jirrizulta illi l-ammont reklamat fl-Avviz, kif aktar tard korrett, hu kompost in parti minn ammont bilancjali tal-kiri ta' karozzi u l-kumplament minn imghaxijiet.

L-Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu ipso jure l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita". Dan s'intendi sakemm ma jkunx gie milhuq mill-kontendenti ftehim xort'ohra. Fil-kaz in ezami l-ebda ftehim bhal dan ma gie divulgat li kien fis-sehh.

Ma ghandux ikun dubitat illi fil-kaz in ezami si tratta ta' obbligazzjoni ta' natura kummercjali, konsiderat ix-xorta ta' negozju kondott lejn il-partijiet. U kif ritenut, "ir-raguni ghaliex fuq debitu kummercjali likwidu u ezigibbli d-dekorrenza ta' l-interessi hija "di pieno diritto" tinsab fil-fatt illi l-interessi jirrapprezentaw lukru li d-debitur jippercepixxi b'vantagg proprju minn kapital li jispetta lill-kreditur tieghu, li jista' ugwalment jaghmel profitt minn dawk l-interessi" –

“**Spiridione L. Mizzi pro et nomine –vs- Emmanuele Falzon**”, Qorti Kummerc, 16 ta’ Frar 1954.

Konsegwentement b’applikazzjoni ta’ dan it-taghlim, it-talba attrici giet sewwa formulata bhala komprensiva ta’ l-interessi kollha skaduti anterjorment ghall-istess avviz, billi, kif rispekkjat, il-ligi tirrikonoxxi lill-attur nomine, kreditur ‘di pieno diritto’, anki tal-lukri mill-jum li fih is-socjeta` konvenuta debitrici kien messha adempiet l-obbligazzjoni taghha billi thallsu l-ammont korrispondenti f’kirjiet ta’ vetturi.

Dan premess, is-sentenza appellata ma tistax titqies censurabbli billi f’dan il-kaz dik is-sentenza tat lill-attur nomine dak precizament li gie mitlub ossija l-interessi skond il-ligi, bit-tmienja fil-mija (8%) mill-jum li fih l-obbligazzjoni kummercjali kien imissha giet ezegwita bil-hlas tas-somma determinata dovuta. Ma jidherx f’dan il-kuntest illi s-socjeta` konvenuta ikkontestat b’xi prova kuntrarja jew b’sottomissjonijiet il-kont esebit mill-attur nomine a fol 12.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------